Local Government Association

## Stqarrija Assocjazzjoni Kunsilli Lokali

**Laqgħa Plenarja – 7 ta' Lulju 2018**

Wara l-Laqgħa Plenarja tal-Kunsilliera li saret nhar is-Sibt 7 ta' Lulju 2018, organizzata mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, li fl-istess laqgħa ġew diskussi diversi suġġetti fosthom; il-permessi u r-regolamenti tal-bini u l-infurzar. Ħareġ ċar li l-Kunsilli Lokali qed iħabbtu wiċċhom ma' problema li huma m'għandhomx riżorsi biżejjed u lanqas huwa kompitu tagħhom sabiex isolvu dawn l-istess problemi.

Huwa fatt magħruf li s-siti ta' kostruzzjoni żdiedu u magħhom żdiedu dawk li qajla jinteressahom jimxu mar-regolamenti mposti fuqhom ladarba jkunu akwistaw il-permessi. Dan minkejja li jkun hemm spezzjonijiet biex biex wieħed iħares dawn l-istess regolamenti. Dan l-atteġjament qed iwassal għal inkovenjent kbir f' diversi bliet u rħula.

L-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali tinnota' li l-Awtorijiet kompetenti mhux ilaħqu mad-domanda ta' rapporti ta' abbuż fuq diversi siti u ħafna drabi l-Kunsilli Lokali qed jitħallew weħidhom biex isolvu problem li mhux fil-kompetenza tagħhom.

Minkejja dan, L-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali tħoss li għandha tkun proattiva u tagħti s-sehem tagħha f' din l-isfida.

Kien għalhekk li fuq proposta mressqa, mill-President tal-Assoċjazzjoni, is-Sur Mario Fava, u li ġiet approvata minn dawk kollha preżenti, l-Assoċjazzjoni qed titlob li jigi mwaqqaf kumitat inter-Ministerjali bejn l-istess Assoċjazzjoni, l-Assoċjazzjoni tal-Iżviluppaturi Maltin, l-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Building Regulations Office, sabiex flimkien jibdew jiddiskutu kif jistgħu jilqgħu għal din l-isfida u l-ilmenti li ressqu f' isem ir-residenti tagħhom, il-Kunsilliera u Sindki preżenti waqt il-Plenarja.

L-Assoċjazzjoni tinnota b' sodisfazzjon li kemm l-Assoċjazzjoni tal-Iżviluppaturi kif ukoll l-Awtorita' tal-Ippjanar, b' mod informali, diġa aċċettaw li jkunu parti minn dan il-Kumitat.

Nemmnu li din hija t-triq 'il quddiem jekk tassew irridu naraw li dawk l-ilmenti raġonevoli tar-residenti tagħna jiġu ndirizzati b' mod xieraq u proattiv.

**Mario Fava**

**Prersident**

**Assocjazzjoni Kunsilli Lokali**

Local Government Building,
Local Government Road,
Marsa Industrial Estate,
Marsa - MALTA.
T: +356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt